# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 53/2015**

Il-Pulizija

vs

**Michael Mifsud**

iben George, imwieled Sliema, fil-21 ta' Settembru, 1949, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 737249(M)

Illum, 8 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Michael Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghax-xhur minn Frar 2014 sa Mejju 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt ghaliha u/jew ghal ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, ikkundannat lill-imputat tlett (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Mifsud ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha *tirriforma* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dottor A. Vella tat-2 ta' Frar, 2015 billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija *tvarjaha* in kwantu l-piena, billi minflok il-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija tissostitwixxi ghal istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi minghajr ma jidhol fil-mertu tad-digriet tal-Qorti tal-Familja permezz ta' liema l-appellant gie ordnat li jhallas manteniment fl-ammont ta' €820 fix-xahar, l-appellant jissottometti li tali ammont huwa oneruz ghalih u ir-raguni tad-dewmien sabiex ihallas puntwalment il-manteniment huwa l-fatt illi f'certu perjodi tas-sena jinqabad b'nuqqas ta' flus.

Illi l-interess tal-parte civile hu li tithallas dak li hu dovut lilha ai termini tad-digriet relattiv.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-piena inflitta kienet wahda eccessiva meta wiehed jikkunsidra l-fatti kollha tal-kaz inkluz l-fatt li l-appellant kien ammetta l-akkuza migjuba kontrih.

Illi l-Ewwel Qorti setghet timponi piena bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux timponi piena ta' prigunerija effettiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2016 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ta' tlett xhur prigunerija u minflok tillibera lil Michael Mifsud taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.